# Epigrammi Umoristiċi

## 78. FRATELLANZA

Adam qal lil uliedu: "Fratellanza
żommu flimkien sakemm tibqgħu ħajjin!"
U bdiet tal-fratellanza l-ewwel storja:
lil-maħbub ħuh Abel qatel Kajjin!

## 79. IL-KAVALLIER TAL-BAĦAR

Il-Kavallier ta' ħila liema bħalha
bix-xabla b'kollox safa nawfragat,
u ħadd iżjed ma rah, jaħsbu fil-baħar
flok baqa' kavallier sar pixxispat.

## 80. FID-DILLUVJU

Wara xi xahar magħluqa ġewwa l-arka
imdejjaq sar kulħadd, bnedmin u bhejjem;
'mma l-klieb il-baħar, imgeddsin mad-dgħajsa,
għajtu "viva d-dilluvju! viva dejjem!"

## 81. IS-SEMPREVIVA

Ja Sempreviva, int tgħix is-sena kollha
u ma tidbielx u tinxef bħall-ward frisk;
'mma b'dana kollu int lil ħadd ma ssaħħar:
għaliex ma tmutx, in-nies ma tħobbokx wisq.

## 82. IR-RE U L-PRESIDENT

Ir-Re u l-President ta' żewġ pajjiżi
fi żjara tal-istat flimkien mexjin;
u intant l-ispiji tagħhom jaraw qegħda
kemm għandhom armi lesti għal xulxin.

## 83. BIL-BIEB MAGĦLUQ

Meme' għalqet sittax u bdiet tiġġerra,
timraħ b'karozza ma' kull min isuq;
iżda għalkemm kull m'għamlet sar fil-beraħ
il-Qorti riedet taf bil-bieb magħluq.

## 84. BARBECUE

Illum bil-barbecue xi majjal nixwu
ġewwa xi pjazza nkella fix-xtajtiet;
'mma dari kienu jixwu xi filosfu
li ma jaqbilx mal-fehma tal-Papiet.

## 85. IL-FORKA F'MALTA

Sentenza tal-mewt għandna, iżda għallinqas
noqtlu l-vittma fil-ħabs, bl-edukazzjoni:
il-bojja lilu jgħammad b'ġentilezza...
sat-taraġ iwassluh bil-puċissjoni.

## 86. FIZ-ZOO

Qalet it-tfajla: "X'diżunur għamlilna
min stqarr li l-bniedem tnissel mix-xadin!"
U wieġeb ix-xadin: "X'disgrazzja għalina
kieku x-xadini tnisslu mill-bnedmin!"

## 87. FIZ-ZOO

Il-mara u t-tigra lejn xulxin iħarsu:
it-tigra għandha aptit tiekol lill-mara,
u l-mara għandha aptit lit-tigra taqbad,
biex tieħu l-ġild u l-"fur" toqgħod tqaxxarha.

## 88. IL-ĦOLMA

Ħolom bi tfajla sbejħa u beda jbusha;
daqqa ta' ponn reġġgħetu għall-qawmien,
u qabeż qal lil martu li tathielu:
"anki f'dinjet il-ħolm tlift il-ħelsien?!"

## 89. NEMMIESA

Patist ħareġ bil-lejl sabiex inemmes
mit-toqba tal-muftieħ tas-surmast Tieru;
sab raġel qablu, qallu biex jersaqlu;
ir-raġel dar, u sab li kien missieru.

## 90. IL-ĦARBA TAT-TOROK

It-Torok ħarbu mimlija bil-biża'
tal-Kavallieri, tal-Maltin u s-swar:
'mma l-aktar mir-riħ isfel ta' Settembru
kif beda jdellek minn ġo nofsinhar.

## 91. IL-QATTUS

Qatel mijiet ta' ġrieden, iżda fl-aħħar
safa maqtul minn kelb mill-aktar qliel;
'mma sa ma qatlu dal-qattus tal-ġrieden
la tgħidx kemm għajru u qal: "qattiel! qattiel!"

## 92. KUMITAT ĠDID

Vicky fil-kumitat li jmexxi 'l qalbha
daħlet iż-żina, l-flus u t-tentazzjoni;
u minnufih is-safa u l-modestja
kellhom jippreżentaw id-dimissjoni.

## 93. IL-BALLU TAL-KARITÀ

Fil-każin tal-puliti żammew ballu,
u żifnu u sikru u tħanżru u ntrassu sħiħ;
min spiċċa fuq il-bejt, min taħt il-billiard,
kollox tal-karità għar-risq u l-ġieħ.

## 94. L-INTERESS TAL-FAMILJa

Familja maqsumin: min laburista,
min man-Nazzjonalisti minn ta' ġewwa;
veru fid-dar ma tantx hemm qbil ta' fehma,
'mma l-interess tad-dar hu salvat sewwa.

## 95. TAMA WAĦDA

Flusu ħliehom fix-xorb u fil-kapriċċi,
u fil-logħob tal-ażżard u f'kemm-il namra;
u llum li ġie fix-xejn qed jgħix bit-tama
li titla' fuq San Ġwann bandiera ħamra.

## 96. PROGRESS ĠO MALTA

Ġo Malta kollox 'il quddiem qed jimxi:
għandna t-two pieces flok il-malji twal,
minflok il-barmaids għandna l-maids puliti,
flok ħwienet tal-ażżard għandna l-Kursaal!

## 97. IL-LAPIDA

Biex il-Maltin fit-triq jagħmlulek lapda
trid tkun mhux raġel kbir u letterat,
iżda trid tkun miġnun bil-motor cyle
issuq bla ħniena u tmut iddisgrazzjat.